**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Abir Djebali**

Numru: 59/2016

Illum 11 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abir Djebali,** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bint Abder Zak u Nadia nee' Majuawi, imwielda Algeria, fid-29 ta' April 1986, residenti fil-fond 25, Flat 1, Triq Lapsi, San Giljan u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 128609(A), akkuzata talli nhar il-5 ta' Settembru 2016 waqt li kienet qieghda zzur it-tempji ta' Ggantija, li jinsabu fix-Xaghra, Ghawdex, ghall-habta ta' 1.30p.m.;

1. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' billi ghamlet hsarat fil-gebel tal-Ggantija, liema hsara minhabba natura jew importanza

geologika, paleontologika, arkeologika, arkitettonika, artistika jew storika tal-proprjeta' mhassra, il-hsara ghandha titqies li hi aktar minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centenzmu (€1,164.69) u dan ai dannu tal-Sovrintendenza tal-Partimonju Kulturali u/jew il-Gvern ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkagunat dannu lil jew qerdet proprjeta' kulturali sew jekk tali proprjeta' hija jew mhix registrata skont l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentament tat lil dak l-ufficcjal jew impjegat informazzjoni qarrieqa jew traskurat jew cahdet milli taghti informazzjoni mehtiega minn jew taht Att Dwar il-Patrimonju Kulturali;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 150) datata 7 ta' Dicembru 2017 li permezz taghha baghat lill-imputata Abir Djebali biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikolu 325(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 53(1)(a)(f) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-3 ta' Lulju 2018 (*a fol.* 165 u 166), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-7 ta' Dicembru 2017, u f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**<u>Process ghandu jkun deciz fuq il-provi biss</u>**

Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna biex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. Izda f'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu u ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.

Ikun skandaluz li l-Qrati taghna jiddeciedu l-kawzi li jkollhom quddiemhom skont pressjoni li ssir fil-media jew xi azzjonijiet drammatizzati fil-pjazez u t-toroq.

Il-Qorti tirreferi ghad-diskors li ghamel il-President tar-Repubblika Taljan Sergio Mattarella fil-25 ta' Settembru 2018 lil Consiglio Superiore della Magistratura:

> *L'attenzione e la sensibilità agli effetti della comunicazione non significa – come tante volte è stato ricordato in tante sedi- orientare le decisioni giudiziarie secondo le pressioni mediatiche né, tanto meno, pensare di dover difendere pubblicamente le decisioni assunte. La magistratura, infatti, non deve rispondere alle opinioni correnti perché è soggetta soltanto alla legge. Sono invece doverose la credibilità e la trasparenza del suo agire, che possono essere rafforzate anche da un'adeguata comunicazione istituzionale.*

Illi tajjeb li Gudikant meta jkun qieghed jiddecidi ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak

it-tip ta' reat izda l-Gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** dwar dan:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*** (enfasi ta' din il-Qorti).

U kif isostni l-**Archbold** meta jitkellem dwar ***Seriousness*** [22-6] jghid li:

> *"The seriousness of an individual case should be judged on its own dimensions of harm and culpability rather than as part of a collective social harm. It is legitimate for the overall approach to sentencing levels of particular offences to be guided by their cumulative effect. However, it would be wrong to further penalise individual offenders by increasing sentence length for committing an individual offence of that type."*

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** moghtija fit-30 ta' Lulju 2009 fejn intqal:

> **"Hu appena necessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process".**

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-

---

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn

minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputata.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputata u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzata tigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid

tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement

ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu erbatax (15)-il xhud:

*Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 19 et seq.), PS 1233 John Attard (a fol. 23 et seq.), Daphne Marie Sant (a fol. 26 et seq.), Samuel Curmi (a fol. 31 et seq.), Gareth Vella (a fol. 43 et seq.), Jonathan Mizzi (a fol. 52), Mark*

*Attard (a fol. 69 et seq.), Francis k/a Frank Chetcuti (a fol. 92 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 109), Nicolene Sagona (a fol. 112 et seq.), PC 707 Robert Hili (a fol. 121 et seq.), Ingrid Ross (a fol. 128 et seq.), Nicolene Sagona (a fol. 143 et seq.), Marilyn Attard (a fol. 182 et seq.) u l-imputata Abir Djebali.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZI**

Il-kaz sehh fil-5 ta' Settembru 2016 waqt li l-imputata kienet qieghda zzur it-tempji tal-Ggantija, li jinsabu fix-Xaghra, Ghawdex, ghall-habta ta' 1.30p.m flimkien ma' dak li llum hu zewgha Stephen Catania. Mix-xhieda hareg li hi kienet interessata fit-tempji u hu kien hemm biex jakkumpanjha. Irrizulta li l-imputata ghamlet thazziza fuq gebla fit-tempju f'post li kien mimli graffiti storici, tant li hemm tabella li tindika dan:

> *Dawn huma graffitti storici. Kull forma ta' tahziz jew grief fuq il-hitan pre istorici huwa projbit. Heritage Malta tirriserva d-dritt li tiehu passi legali kontra kwalunkwe persuna li ma tosservax din ir-regola.*

Dan l-avviz huwa b'sitt (6) lingwi differenti: Malti, Ingliz, Taljan, Franciz, Spanjol u Germaniz u mieghu hemm avviz li hemm sistema ta' CCTV "*in operation*".

Il-Qorti ghamlet access fit-3 ta' Lulju 2018 gol-Kumpless tal-Ggantija fejn setghet tara l-brix li sar u li wassal biex jinhargu l-akkuzi kontra l-imputata u kontra zewgha. Zewgha kien mixli li "impedixxa, ostakola, immolesta jew indahal lil, jew ittanta jimpedixxi, ostakola, immolesta jew indahal lil xi ufficjal jew impjegat tas-Sovrintendenza, jew tal-Agenzija jew tac-Centru fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet li hemm provdut dwarhom fl-att dwar Patrimonju Kulturali" waqt li l-imputata tinsab mixlija li

*1. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' billi ghamlet hsarat fil-gebel tal-Ggantija, liema hsara minhabba natura jew importanza geologika, paleontologika, arkeologika, arkitettonika, artistika jew storika tal-proprjeta' mhassra, il-hsara ghandha titqies li hi aktar minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centenzmu (€1,164.69) u dan ai dannu tal-Sovrintendenza tal-Partimonju Kulturali u/jew il-Gvern ta' Malta;*

*2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkagunat dannu lil jew qerdet proprjeta' kulturali sew jekk tali proprjeta' hija jew mhix registrata skont l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali;*

*3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentament tat lil dak l-ufficcjal jew impjegat informazzjoni qarrieqa jew traskurat jew cahdet milli taghti informazzjoni mehtiega minn jew taht Att Dwar il-Patrimonju Kulturali;.*

Fuq il-gebel inkwistjoni hemm mijiet ta' graffiti mnaqqxa fil-fond u brix iehor. Il-brix li wettqet Abir Djebali kien wiehed hafif hafna li fi ftit xhur ohra bl-elementi naturali ma jibqax jidher bil-kuntrarju ta' graffiti ohra mhaffra fil-fond b'xi oggett li jhaffer u li llum wara tant snin jitqiesu bhala "graffitti storici".

Hija spjegat li minhabba problemi fil-lingwa li thazzez fuq il-gebel hasbet li kien permess u dan ghaliex rat quddiemha ghexierin ta' brix iehor. Hija barxet mhux fil-fond xi kliem li jghidu li kienet thobb lil mahbub taghha. Minnufih indunat bl-izball li ghamlet u ma stennietx sat-tmiem tal-process taghha li titlob skuza ghall-ghemil taghha, tant li kienet kitbet ittra ta' skuza li kienet esebita f'dawn l-atti mill-prosekuzzjoni.

Hsara fuq wirt storiku u postijiet ohra qatt m'ghandu jsir, aktar u aktar f'dan il-wirt dinji. Izda l-"hsara" li saret ghandha tittiehed fil-perspettiva taghha u mhux tintefah kemm tiflah qisu sehh xi delitt kontra l-umanita' b'dak li sehh. L-imputat kuntrarjament ta' martu mhux mixli dwar hsara.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Brian Caruana** fit-23 ta' Mejju 2002 qalet li: **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha**

**b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

Issa, fil-każ in eżami l-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'waħda dwar il-kredibilita` tax-xhieda li tat l-imputata f'dawn il-proceduri u x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni.

F'dan ir-rigward tfakkar, din il-Qorti, li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"**.

Din il-Qorti iggwidata b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali u minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz u l-provi prodotti tqis li iktar milli agir kriminali fejn tidhol il-kwistjoni ta' informazzjoni mitluba mill-ufficjali tas-sigurta' dan sehh minhabba problema ta' komunikazzjoni *misunderstending* genwin u ghalhekk l-imputata mhux se tinstab hatja tat-tielet imputazzjoni.

Rigward l-ewwel imputazzjoni l-Qorti rat l-artikolu dwar Hsara volontarja – kif jipprovdi l-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Zahra**, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

*"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

Illi rigward tal-akkuza ta' hsara volontarja ma giex pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-hsara li saret fit-tempji tal-Ggantija, saret deliberatament. Minn imkien ma rrizulta li l-imputata kellha l-intenzjoni taghmel hsara fuq it-tempji.

Ghalhekk fl-aghar ipotesi l-imputata tista' tinstab hatja biss dwar hsara involontarja kif insibu fl-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

*"Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab hati ..."*

Illi l-prosekuzzjoni u l-*parti civile* ghalhekk kien jinhtiegilhom jippruvaw illi l-imputata wriet nuqqas ta' hsieb u kienet traskurata.

Il-Qorti thoss li m'ghandiex issib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta izda se ssibha hatja biss tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni: *xjentement jew* ***b'negligenza****, nuqqas ta' hila jew* ***ta' osservanza ta' regolamenti kkagunat dannu lil*** *jew qerdet* ***proprjeta' kulturali sew jekk tali proprjeta' hija jew mhix registrata skont l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali****. Enfasi tal-Qorti.*

Fejn tidhol ix-xjenza *"knowingly"*[2] fir-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[3] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "*knowingly*" u kif tkun stabilita' x-xjenza f'kaz kriminali:

> "*It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls*

[2] Il-**Pulizija vs Anthony Agius** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-25 ta' Ottubru, 2017

[3] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely*

*neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."*[4]

Il-*Crown Prosecution Service* (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

*Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd*** *83 Cr. App. R.155*

*In* ***Flintshire CC v Reynolds*** *[2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

[4] Ibid. pg 449

Se tinstab hatja li b'negligenza u b'nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti kkagunat dannu lil proprjeta' kulturali, izda mhux li ghamlet dan xjentement u dan anke invista tal-ispjega li nghatat aktar 'il fuq.

Il-Qorti rat in-Nota ta' Heritage Malta tat-8 ta' Ottubru 2018 fejn gie dikjarat illi f'kaz li din il-Qorti fl-eventwalita' ta' sejbien ta' htija tikkunsidra li taghti piena taht il-Probation Act (Kap 446) l-esponenti bir-rispett tissuggerixxi li x-xoghol fil-komunita' li jista' jigi ordnat mill-Qorti jsir fl-interess ta' Heritage Malta u l-Patrimonju Kulturali Malti.

Il-Qorti hadet nota tar-rapport verbali tal-Probation Officer Marilyn Attard tal-Hamis, 11 ta' Ottubru 2018 li spjegat li l-imputata hi kandidat idonea ghal servizz fil-komunita.

**DECIDE:**

Li għar-raġunijiet premessi wara li rat l-Artikolu 325(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 u Artikoli 53(1)(a)(f) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni miġjuba kontra taghha u għalhekk tilliberaha minhom. Il-Qorti ssib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni tal-parti biss li b'negligenza u

b'nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti kkagunat dannu lil proprjeta' kulturali liema imputazzjoni hi alternativa ghall-ewwel wahda u bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 u tqieghed lil Abir Djebali taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi taghmel **xoghol bla hlas ghal mitejn u erbghin (240) siegha** f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole. Il-Qorti tirrakkomanda li s-servizz fil-komunita' jitwettaq ghand Heritage Malta u dan ghaliex id-dannu li sar kien fil-konfront ta' proprjeta' li jindukraw huma u ghalhekk jaghmel sens u bir-ragun li x-xoghol minn Abir Djebali jsir ma' Heritage Malta.

Din l-ordni qed issir wara li l-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltilha x'inhuma l-konsegwenzi jekk hija ma toqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole u lill-Kap Ezekuttiv ta' Heritage Malta.

*In oltre* l-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri u tikkundanna lil Abir Djebali biex thallas sitt

mija u ghaxar ewro u hamsin centezmu (***€610.50***)[5] u dan fi zmien tliet xhur millum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[5] **DRITTIJIET ESPERTI TOTAL -** sitt mija u ghaxar ewro u hamsin centezmu (***€610.50***) maqsuma kif gej**:** €110.50 – Jonathan Mizzi, €250.00 – Mark Attard u €250.00 – Ingrid Ross